MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Birgu

# Is-Sebgha Legislatura

# Laqgha Annwali tal-Lokalita

1 ta` Marzu 2018

Il-Kunsilli Lokali Birgu ltaqa' fis-sala tal-Kunsill tiegħu li jinsab fl-indirizz Berga ta` Franza, Triq Hilda Tabone Birgu fis-sitta ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Is-Sur John Boxall - Sindku
Is-Sur Trevor Mizzi – Viċi Sindku
Is-Sur Lawrene Attard – Kunsillier
Is-Sur Anton Gellel – Kunsillier
Is-Sur Eman Zerafa – Kunsillier

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Is-Sinjura Lara Mascena – Segretarju Eżekuttiv

Ghal din il-laqgha attendew 24 resident

Is-Sindku, is-Sur John Boxall qal it-talba u tah bidu ghal din il-laqgha, fejn talab sabiex ikunu dawk prezenti li isimhom jidher fuq l-ahhar Registru Elettorali. Zied jghid li dawk li isimhom ma jidhirx fuq ir-Registru Elettorali jisghtu jibqghu ghal laqgha imma huwa l-Kunsll li jiddeciedi jekk is-suggeriementi jigux milqugha jew le. Is-Sur John Boxall irringrazzja lill-Kunsilliera u lil pubbliku prezenti li għoġobhom jattendu għal din il-laqgħa. Is-Sur Boxall kompla jispjega li

waqt din il-laqgħa annwali ser jingħata rapport tal-ħidma tal-Kunsill għas-sena 2017 u tingħata ħarsa tal-pjanijiet tal-Kunsill għas-sena 2018 u li jilqa` s-suggerimenti ta` dawk prezenti.

1. Rapport Amministrattiv 2017

Gie moqri r-Rapport Amministrattiv ghas-sena 2017 fejn f`dan ir-rapport isemma` l-hidma kollha li saret mill-Kunsill Lokali tal-Birgu u mill-Gvern Centrali kif ukoll x` attivatjiet u inzjattivi li ttiehdu matul is-sena 2017 fosthom; l-indafa u l-ambjent, agrikoltura, amminsitrazzjoni, toroq, servizz pubbliku, edukazzjoni, protezzjoni u restawr ta` binjiet storici ecc. Wara li nqara dan ir-rapport, is-Sindku talab sabiex dawk prezenti jaghtu suggerimenti u kummenti taghhom fuq dan ir-rapport.

Wara li nqara dan ir-rapport, is-Sindku talab ghall-approvazzjoni tieghu. Dan ir-rapport gie approvat unanimament minn dawk prezenti.

2. Rapport Finanzjarju 2017

Is-Segretarju Ezekuttiv tal-Kunsill infurmat lil dawk prezenti li financial indicator ghas-sena 2017 kien ta 1% mqabbel mas-sena 2016 li kien ta` -18%. Ghalhekk ghad fadal biex il-Kunsill Lokali tal-Birgu jkun f`pozizzjoni finanzjarja tajba, imma qed jaghmel dak kollu possibli sabiex id-dejn tal-Kunsill jispicca matul is-sena 2018.

3. Kummenti mill-Pubbliku

Fil-hin allokat ghall-kummenti mill-pubbliku, tqajjem il-punt fuq l-installazzjoni ta` CCTV cameras fuq iz-zona tal-Fortini. Is-Sindku spejga li dawn il-cameras saru minhabba li beda jintefa ammont konsidervoli ta` mbarazz fejn il-bring in sites. Zied jghid li nqabdet persuna wahda u li ghandha rapport il-Qorti. Barra minn hekk itaffiet ukoll il-problema tal-hmieg tal-klieb li kien qed ikun hemm f`din iz-zona.

Resident staqsa x`ser jsir mill-Foss iz-zghir, jekk hemmx xi progett. Is-Sindku spjega li l-problema biex jitkompla l-progett ukoll f`dan il-Foss bhal kumplament tax-xoghlijiet li saru hija dik finanzjarja. Is-Sindku kompla jispjega li waqt l-iskavar nstabu ukoll xi fdalijiet. Is-Sur Boxall nforma lil dawk prezenti li zgur li l-kanuni li kien hemm ser jergghu jigu mpoggija f`posthom wara li jsirilhom ir-restawr mehtieg.

Resident iehor issugerriexa sabiex fi Triq San Lawrenz fejn saret il-fixed bollard titnehha ghaliex qed tkun problema meta specjlament tkun trid tidhol ambulanza u jkun hemm karozza ohra gejja fid-direzzjoni opposta, ma jkollix fejn tidhol peress li triq hija dejqa. Is-Sindku spjega li din il-bollard saret peress li kien hemm diversi ilmenti li qed tipparkja karrozza f`din id-dahla u jhallija b`sound gholi matul il-gurnata kollha u anke bil-lejl. Ghalhekk il-Kunsill irraporta diversi drabi lill-pulizija, baqghet ma ttiehdet l-ebda azzjoni.

Residenta ohra talbet sabiex ir-reserved parking ta` quddiema titnehha kemm jista` jkun malajr ghax m`ghadiex taghmel uzu taghha.

Residenta ohra tkellemet dwar il-bollard li hemm fi Triq San Anton. Is-Sindku spejga li din il-bollard bilfors trid tkun tinqala` ghal fatt li din it-triq hija l-unika wahda accessibli meta jkun hemm certu toroq maghluqin.

Resident issugerriexa li jkun hemm waiting time fil-pjazza tal-Birgu issa li l-pjazza saret bil-cameras. Qal ukoll li l-parkegg li tnehha minn nofs sar tajjeb specjalment ghal dak li jghaddu mill-pjazza.

Residenta ohra  staqsiet ghalfejn il-cameras li twahhlu fil-pjazza qeghdin jilhqu wkoll is-side streets tal-madwar. Spjegat ukoll li anke agenti li jigu jhottu ghal ftit minuti qeghdin jaqilghu citazzjonijiet. Is-Sindku spjega li dawn il-cameras kienu diga installati fil-pjazza u dawn tnehhew meta kienu qeghdin issiru xoghlijiet fi Triq Desain fejn anke saru disgha parkeggi ohra fil-pjazza.

Residenta ohra spjegat li din is-sistema tac-CCTV cameras kellha tkun mil-bidu tahdem b`mod tajjeb u mhux issa qed ibatu residenti u nistennew li titranga l-problema. Is-Sindku spejga li ghalkemm il-parkegg fil-Birgu huwa problema ma jfissrix li l-parkegg ghandu jsir f`nofs ta` pjazza jew fejn mhux projbit li tipparkja.

Is-Sindku spjega wkoll li hemm xi nvestituri li wrew l-interess taghhom sabiex jinvestu f`zoni ta` parkegg u jinkludu wkoll is-sistema ta` parkegg ghar-residenti bi prezz ridott.

Minn resident iehor gie ssugerriet li tizdied siegha ohra ta` un/loading parking ma dik li diga hemm jigifieri dawn il-parkeggi jkunu accessibli sa` siegha ta` wara nofsinhar.

Sinjura ohra ssuggeriet sabiex issir un/loading parking bay waqt il-hinijiet tal-ftuh u l-gheluq tal-hanut taghha biex tkun tista` thott aktar facilment.

Is-Sindku propona li ghandha ssir laqgha ma` tal-hwienet tal-pjazza u tat-toroq tal-madwar sabiex tinstab soluzzjoni tajba ghal kulhadd.

Resident iehor staqsa dwar il-progett ta` Salle Porte (Triq ta` Toqba) fejn qal li l-Gvern kellhu flus ivutati sabiex issir din it-triq. Is-Sur John Boxall spjega li matul dawn l-ahhar hames snin inbiddel il-Ministru u l-Kunsill anke nforma lill-Prim  Ministru dwar din it-triq. Biex issir dan il-progett irid issir ukoll il-progett tal-klabb tar-Regatta. Il-Kunsill diga tah sehem tieghu fejn anke ghen finanzjarjament lill-klabb tar-Regatta biex ingibu l-permessi mehtiega mill-Planning Authority. Barra minnhekk is-Sur John Boxall spjega wkoll kif saru bosta tahdidiet ma` rapprezentanti mill-Ministeru kkoncernat fejn qabblu li din it-triq ghandha ssir. Il-Kunsill Lokali tal-Birgu ghabba bir-responsabilta lill-Awtoritajiet ghal kull incident li jista` jsir.

Resident iehor suggeriexxa li jizdiedu l-parking bays fi Triq San Lawrenz u jsiru lines tal-parkings.

Resident iehor wera dispjacir tieghu kif meta jkun hemm pjanijiet biex issiru progetti fil-Birgu dejjem ikun hemm xi ntoppi li jwaqqfu dan. Spjega wkoll li progetti li saru f`Bugibba u Salina saru kull tlett snin u gie rinovat anke xatt. Is-Sur Boxall qal li l-Kunsill qieghed isaqsi dawn l-istess domandi.

Wara diskussjoni fuq il-progett ta` Toqba (Salle Porte) tresqet mozzjoni mis-Sur Emanuel Attard lill-Ministru kkoncernat dwar meta ser jinbeda xoghol fi Triq Salle Porte, fejn issekonda s-Sur Godwin Vassallo u kien hemm qbil unanimu.

Resident iehor issugerriexa biex issir bollard fi Triq il-Miratur kantuniera ma` Triq il-Mandragg minhabba l-fatt li qeghdin jipparkjaw il-karozzi fuq id-double yellow line u ma jkunux jisghtu jduru bil-karozzi ipparkjari. Is-Sindku spjega li ser tkun ftit difficli biex tigi installata bollard f`dak il-post ghax jekk karozza tolqot din il-bollard, spejjez ikunu ghall-Kunsill. Is-Sur Boxall informa lil dawk prezenti li l-Kunsill qed jikkonsidra li jigu nstallati ic-CCTV cameras.

Resident iehor staqsa dwar jekk hemmx il-hsieb li ssir Triq Nestu Laviera.

Fi tmiem il-laqgha annwali tal-lokalita', is-Sindku, s-Sur John Boxall irringrazzja lir-residenti prezenti ghall-interess li wrew fil-ħidma tal-Kunsill u ghall-parteċipazzjoni taghhom f'din il-laqgha.

Il-Laqgha ntemmet fit-tmienja u kwart ta` filghaxija (8.15pm)

Konfermati llum 9 ta` Mejju 2018

Ffirmata

Ffrimata

John Boxall
Sindku

Lara Mascena
Segretarju Ezekuttiv